

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/960**tal-20 ta' Ġunju 2022**

li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Ċeka tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502 li jstabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri minimi għal-livelli ta' assigurazzjoni għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjoni tal-lingwa Ċeka tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502 ⁽²⁾ fiha żball fl-Anness, it-Taqsima 2.1.2 (l-għoti ta' prova tal-identità u l-verifika (persuna fiżika)), ir-ringiela li tikkonċerna l-livell ta' Assigurazzjoni "Ġholi", il-kolonna "Elementi meħtieġa", il-punt 1(c) fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-livell ta' assigurazzjoni meħtieġ.
- (2) L-verżjoni tal-lingwa Ċeka tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502 għalhekk jenħtieġ li tiġi kkoreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1**(Ma japplikax għal-lingwa Maltija).**Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹⁾ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 tat-8 ta' Settembru 2015 li jstabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri minimi għal-livelli ta' assigurazzjoni għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 7).